MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 898/1997/1

Frank Schembri
vs
Chairman Airmalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-sena 1989 u 1994 huwa sofra ingustizzja peress li ma nghatax l-opportunita` li jaghmel kors ghall-Pilot Trainee sabiex ikun jista’ jiehu din il-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

Illi r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Air Malta fl-1987 bhala Airline Steward u matul is-snin studja sabiex ikun jista’ jikseb il-kwalifiki necessarji biex japplika ghall-kors ta’ pilot.

Illi f'Settembru 1989 kienet harget is-sejha ghall-kors ta' Pilot Trainees, li kienet ristretta ghall-impjegati tal-Kumpanija biss u mhux ghall-pubbliku in generali.

Illi r-rikorrent kien applika ghal dan il-kors fit-18 ta' Settembru 1989 u sadanittant kienu hargu applikazzjonijiet godda li kienu jintitolaw lill-pubbliku in generali biex japplikaw ghall-imsemmi kors. Fil-fatt kien hemm numru konsiderevoli ta' applikanti minn barra (Dok A).

Illi kif kienet il-procedura normali, ir-rikorrent ghadda mill-IQ test u attenda ghall-interview, li temm b'success u in konsegwenza attenda ghall-medical tests (Dok B-E).

Illi r-rikorrent u kollega iehor biss kienu impjegati mal-Kumpanija izda ma ntghazlux biex jattendu ghal dan il-kors, izda minflok intghazlu nies minn barra, minkejja li r-rikorrent kien studja u kien kwalifikat ghal dan il-kors.

Illi fis-sena 1994, ir-rikorrent rega' applika ghal dan l-istess kors, fejn is-sejha din id-darba kienet ghall-pubbliku in generali wkoll, rega' ghamel l-IQ test u l-interview u sahansitra ghamel il-medical tests mehtiega, izda rega' ma ntghazilx. (Dok F-H).
Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi rimedjat billi jinghata l-opportunita` li jattendi ghall-kors ta' Pilot Trainee sabiex ikun jista' jsir pilota, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm 5000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman, Air Malta Company Limited li eccepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi l-procedura tas-socjeta` intimata hija li ghal sejha ta' mili ta' postijiet vakanti l-ewwel tohrog sejha interna ghall-impjegati tal-istess kumpanija. (Appendici A).

Illi l-applikanti jigu ezaminati taht l-istess kriterju irrispettivament jekk kienux applikaw internament jew minn barra.

Illi fl-1989 kienet saret sejha ghal Trainee Pilots minn fost il-pubbliku in generali wara li kien ghad hemm postijiet vakanti nonostante s-sejha interna. (Appendici B u B1)

Illi s-sejha ghal Trainee Pilots minn fost l-impjegati ta' l-Air Malta kienet identika ghal dik li saret minn fost il-pubbliku in generali. (Appendici C).

Illi hija procedura tas-socjeta` intimata li taghzel jekk sejha taghmilhiex internament jew le jew kif taghmel l-interviews lil dawn l-applikanti.

Illi ghalkemm ir-rikorrent ghadda mill-interview u mill-medical test huwa gie fil-21 post u ma ntaghzilx ghax l-Air Malta kellha biss post ghal 16 Trainee Pilot. (Appendici D).

Illi meta r-rikorrent rega' applika ghal-Trainee Pilot fl-1994, ir-rikorrent kien gie fid-39 post u stante li l-ewwel 35 biss gew short listed ir-rikorrent kien gie skwalifikat awtomatikament. (Appendici E, F, u G).

Illi r-rizultat tal-1989 ma baqax jghodd fil-konfront tar-rikorrent stante li kien skada l-perjodu ta' sena li fih ir-rizultat jibqa' jghodd.
Ghaldaqstant ghar-ragunijiet permessi u ghal ragunjiet ohra li setghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza,

l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li dahal jahdem ma' l-Air Malta fl-1987 bhala Airline Steward u bejn l-1987 u l-1989 kompla jistudja u akkwista tliet A Levels u private licence ghal "single engine aircraft". Semma li fit-18 ta' Settembru 1989 applika ghall-"airline pilot trainees" u dik l-applikazzjoni kienet tapplika biss ghal impjegati ta' l-Airmalta u deherlu li kienu bejn hmistax u ghoxrin persuna li applikaw. Qal li madwar gimgha wara harget sejha ghall-istess post ghall-pubbliku. Kompla jghid li minn dik l-applikazzjoni hadd minn fost l-impjegati ma nghata l-possibilta` ta' trainee. Qal li hu ghadda mill-I.Q. test, medical tests u anki mill-interview.

Semma li fl-24 ta' Jannar 1990 kien hareg ir-rizultat ufficjali izda hu qatt ma kien ircieva personalment. Qal li hu kien gie l-21 post fil-final results u meta mar ikellem lis-Sur Joe Farrugia dan infurmah li ma kienx gie maghzul. Semma li bhall-ohrajn li gew maghzula hu kellu l-istess kwalifiki mehtiega, izda hu kien mill-private u mhux mill-public sector. Semma li fl-1994 rega' applika ghal "airline-pilot trainee" fejn sa dak iz-zmien kien akkwista l-private pilot licence u kellu seba' snin esperjenza mal-kumpanija u kwazi mitt siegha ta' pilota fuq ajruplani zghar.

Qal li kien ghadda mill-I.Q. test u kienu baghtu ghalih ghall-interview. Semma li l-interview tieghu kien dam biss tlett minuti u kienu staqsewh zewg domandi biss waqt li l-interview tan-nies l-ohra kien dam ghal madwar ghoxrin

minuta. Qal li l-mistoqsija li ghamillu s-Sur Farrugia kienet wahda kwazi superfluwa, li kienet tirrigwarda biss kemm kien hemm ajruplani fl-Airmalta. Qal li mill-I.Q. test kien gie r-raba' waqt li mill-interview ta' tlett minuti kiseb biss 128 punti u b' hekk gie fid-39 post u ghalhekk ma setax jidhol fil-lista, ghax kienu ntaghzlu biss 24. Semma li kellem lis-Sur Joe Tabone u dan ikkonferma li kellu l-kwalifiki u li kien kapaci bizzejjed u kien tah ragun izda ma ghamel xejn. Qal ukoll li kien kiteb lis-Sur A. Paris il-Managing Director izda dan qatt ma baghatlu xi acknowledgement. Semma li barra l-kwalifiki kien hemm elementi ohra li kienu importanti ghall-ghazla dwar il-kors imsemmi fl-ilment izda hu sostna li barra l-kwalifiki kellu wkoll dawk il-kriterji l-ohra.
Xehed Joseph Farrugia Group Head Human Resources Administration mal-Air Malta li semma li ilu f' dik il-kariga hames snin. Qal li fl-1990-1991 kien hemm xi 16-il vacancy u 24 ghal tal-1994 liema vacancies kienu mtlew kollha. Semma li l-piloti kellhom collective agreement separat minn tal-ohrajn ghax kienet l-Airline Pilots Association li kienet tiehu hsieb l-interessi taghhom izda peress li r-rikorrent kien jahdem bhala Cabin Crew kellu l-collective agreement tal-GWU. Esebixxa l-collective agreements kemm tal-APLA kif ukoll tal-General Workers' Union.

Qal li ghamlu l-applikazzjoni kemm internal kif ukoll external ghax f' dan il-kaz ma kienux obbligati li tkun interna biss. Semma li hu kien prezenti personalment fil-bord tal-interviews u eskluda l-possibbilta` li r-rikorrent dam biss tliet minuti ghall-interview kemm tal-1991 kif ukoll tal-1994. Qal li ghall-kariga ta' pilota ma kienux jaghmlu distinzjoni interna jew esterna izda huma riedu l-ahjar nies li seta' jkollhom. Semma li huma riedu sitt "O" Levels u sitt "A" Levels u kienu applikaw hafna minn barra.

Qal li l-ewwel li kienu jaghmlu kien I.Q. test biex isibu l-intelligenza ghal dik il-kariga. Semma li mieghu kien hemm prezenti c-Chief Pilot u l-Group Head Flight Operations li kienu jaghmlu t-technical questions. Semma li qatt ma gie infurmat mir-rikorrent li kien hemm xi

allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u kkonferma li ma kellu pressure minghand hadd dwar ix-xelta tan-nies. Cahad li r-rikorrent kien mar gimgha wara biex jaghmel complaint fuq ir-rizultat.

Semma li ma kien hemm ebda obbligu li tinghata preferenza lil xi haddiem intern u riedu jaghzlu "the best". Pilota jibda bhala First Officer u eventwalment isir Kaptan. Ma kien hemm ebda Collective Agreement dwar id-dritt ta' nies li mill-Cabin Crew jsiru First Officers. Dwar l-I.Q. Test dan isir minn Professur tal-Universita` u normalment kien isir minn Dr. Mark Borg id-Dean tal-Psikologija. Isiru domandi waqt l-interview mill-Bord anke biex jaraw kif il-kandidat jirrejagixxi taht stress. Il-Medical Test kien jaghmlu Dr. Alfred Bonnici.

Xehdet Helen Camilleri Deputy Group Head Human Resources li semmiet li l-kwalifiki tal-"O" Levels u l-"A" Levels tal-Pilot Trainees li saru fl-1989, 1990 u fl-1994 kienu dawk li kienu mitluba fuq ic-cirkolari kemm interna kif ukoll esterna. Il-policy tal-kumpanija peress li dawk ma kienux impjegati kienet li dawk kienu trainees, jaghmlu l-kors u biex jibdew il-kors ried ikollhom il-kwalifiki li jkun hemm fuq ic-cirkolari u mbaghad wara li tghaddi sena milli jispicca l-kors ir-records jigu distrutti. Dwar in-nies li kienu impjegati mal-Air Malta l-file ikun jezisti u jkun bhala impjegat mhux bhala trainee.

Qalet li sar l-I.Q. test, isir l-interview mis-selection board, isir il-medical u fil-kaz tar-rikorrent ghadda minnhom kollha pero` l-kumpanija kellha bzonn sittax u hu ma giex mal-ewwel sittax. Qalet li bhala stewards il-kwalifiki dejjem kienu minimum ta' 5 "O" Levels. Esebiet il-kwalifiki ta' Robin Zammit fuq talba tar-rikorrent.

Dr. Alfred Bonnici xehed li hu jahdem on a part time basis mal-kumpanija intimata u li kien jaghmel l-initial medical examination tal-Prospective Pilot Trainees. Semma li on medical grounds gieli ma jirrakkomandawx pilot trainee u ma jaghtux dettalji ohra u ma jkollhom indhil minghand hadd. Qatt ma kellu indhil jew telefonati dwar xi persuna li mhix fit.

**KONLUZJONIJIET:**

It-talba tar-rikorrent hija biex jinghata l-opportunita` li jattendi ghall-kors ta' Pilot Trainee sabiex jkun jista' jsir pilota. Ir-rikorrent sostna li hu gja kien fil-Cabin Crew u li ghalhekk kellu jinghata preferenza.

Jinghad li l-fatt li tkun fil-Cabin Crew certament ma jintitolakx ghal ebda preferenza bhala trainee ghal airline pilot. Huwa veru li dan it-Tribunal dejjem sostna li seniority ghandha tinghata l-importanza taghha izda f' dan il-kaz il-linja ta' xoghol hija totalment differenti u wiehed mhux qed jitkellem dwar xi promozzjoni. Dan iwassal ghall-fatt li l-ilment tar-rikorrent in kwantu bazat fuq li kien hemm fuq l-external calls huwa certament infondat u infatti ma jsib ebda riskontru f' xi ftehim kollettiv jew xi haga ohra simili u jilqa' din il-parti tal-eccezzjonijiet tal-intimat.

Jinghad ghal kull buon fini li l-kawza saret kontra Airmalta Corporation, haga li certament jekk tezisti ma kellha xejn x' taqsam mal-kaz in ezami. Infatti l-ilment kollu kien dirett fil-konfront tal-Air Malta Company Limited u l-impjegati u xhieda prodotti huma kollha tal-kumpanija Airmalta u certament li Air Malta Corporation ma kellha xejn x' taqsam mal-kaz in ezami.

Riferibbilment ghall-meritu tal-kaz propju apparti dak li t-Tribunal gja rrileva hawn fuq, it-Tribunal jinsab impressjonat favorevolment bir-rikorrent, huwa bniedem li juri serjeta` u affidabilita`, ghandu l-manjieri korretti u certament li hu "an asset" ghal min ikollu lilu impjegat mieghu. Izda dan fih innifsu ma jwassalx biex it-Tribunal jista' jasal ghall-konkluzjoni li saret xi ingustizzja meta hu ma kienx wiehed minn dawk il-kandidati maghzula bhala trainee ghal pilota. Meta t-Tribunal irid jezamina jekk saritx ingustizzja jew le hu ghandu obbligu li mhux jara li r-rikorrent "in isolation" u jekk dan hux bniedem b' elementi pozittivi izda ghandu l-obbligu wkoll li jevalwa l-kandidati l-ohra u jaghmel studju komparattiv b' mod li r-rikorrent irid jipprova li hu kellu fil-mument tal-ghazla elementi aktar pozittivi minn dawk li kellhom l-applikanti l-ohra li fil-fatt gew accettati. Issa fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ghamel

ebda prova komparattiva ta' kwalifiki u abilitajiet ohra tieghu fil-konfront ta' dawk il-kandidati l-ohra li gew accettati. U ghalhekk tohrog id-domanda naturali "Kif inhi li jista' dan it-Tribunal jasal li meta r-rikorrent ma ntaghzilx saret ingustizzja?" Certament it-Tribunal ma jistax jasal ghal din il-konkluzjoni anke jekk fil-fatt hija verament hekk u dan minhabba l-fatt li ma saritx il-prova taghha.

Huwa veru li l-Air Malta qalet li r-records jinzammu ghal sena wahda biss u li in segwitu r-records jigu distrutti izda r-records ta' dawk li fil-fatt gew approvati jibqghu jinzammu u dan minhabba l-fatt li dawk li jigu impjegati jkollhom il-file taghhom mal-kumpanija. Ir-rikorrent ma gab ebda prova li hu kien superjuri ghal dawk maghzula u ghalhekk it-Tribunal bil-fors ikollu jilqa' l-eccezzjonijiet anke fuq dan l-aspett apparti minn dak li ssemma dwar il-kliem "Chairman Airmalta Corporation."

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------